

# Gwida prattika għall-Premjijiet tal-UE għas-Settur Organiku 2024

## 1. Il-proġett/in-negozju tiegħi huwa kandidat tajjeb għall-kompetizzjoni tal-Premjijiet tal-UE għas-Settur Organiku?

### 1.1. X'qed tfittex l-UE f'din il-kompetizzjoni?

L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-partijiet ikkonċernati tal-UE li jorganizzaw dawn il-premjijiet qed ifittxu proġetti/negozji eċċelenti, innovattivi, sostenibbli u replikabbli, li juru approċċi ġodda li jikkontribwixxu għat-tkabbir tas-settur organiku f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika. L-iskema tal-premjijiet tħalli seba' temi u tmien premjijiet differenti.

### 1.2. Liema huma s-seba' kategoriji tal-premjijiet/it-tmien premjijiet?

Is-seba' kategoriji tal-premjijiet/it-tmien premjijiet għall-2024 huma:

- Kategorija 1, L-aqwa bidwija organika u L-aqwa bidwi organiku<sup>1</sup>
- Kategorija 2, L-aqwa reġjun organiku
- Kategorija 3, L-aqwa belt organika
- Kategorija 4, L-aqwa "Bijodistrett" organiku
- Kategorija 5, L-aqwa SME li tipproċċa ikel organiku<sup>2</sup>
- Kategorija 6, L-aqwa bejjiegħ bl-imnut tal-ikel organiku
- Kategorija 7, L-aqwa ristorant/servizz tal-ikel organiku<sup>3</sup>

### 1.3. X'inhu l-valur miżjud tal-premjijiet?

Il-premjijiet huma maħsuba biex jagħtu pubbliċità u viżibbiltà lil varjetà ta' proġetti u negozji fil-katina tal-ikel organiku billi jirrikoxxu l-eċċellenza tagħhom.

### 1.4. Nista' nissottometti proġett li għadu qed jitħejja?

Le. Il-ġurija se tivvaluta l-applikazzjonijiet abbażi ta' kisbiet miksuba.

### 1.5. Il-proġett/in-negozju tiegħi huwa matur bieżżejjed biex jiġi sottomess?

Il-ġurija se tivvaluta l-applikazzjonijiet abbażi tar-riżultati digħi miksuba.

Mhux se tkun tista' tippremja l-ideat innovattivi tiegħek f'każ li ma tkunx tista' tiprovvdi evidenza li ġew implimentati.

### 1.6. Għandi bżonn inkun iċċertifikat organiku?

Fil-każ tal-involviment formali minn operatur fil-produzzjoni organika, fi kwalunkwe rwol (bidwi, proċessur, bejjiegħ bl-ingrossa, bejjiegħ bl-imnut, eċċ.), għandha tingħata evidenza ta' ċertifikazzjoni

<sup>1</sup> Tinkludi kemm it-trobbja bbażata fuq l-art kif ukoll l-akkwakultura

<sup>2</sup> Tinkludi dawk li jipproċċaw il-prodotti organiċi tal-akkwakultura

<sup>3</sup> Ristorant (waħdu jew parti minn lukanda) u/jew servizz tal-ikel (caterer jew canteen)

organika fl-applikazzjoni<sup>4</sup>. L-operaturi f'konverżjoni ma jistgħux japplikaw għall-premjijiet. L-offerta jew l-ipproċessar ta' oġġetti/prodotti f'konverżjoni ma jissodisfax il-kriterji għal dawn il-premjijiet.

## **2. Kif nissottometti l-proġett/in-negożju tiegħi?**

### **2.1. Kif taħdem fuq fuq?**

Imla l-applikazzjoni online sal-iskadenza msemmija hawn taħt. Il-parteċipazzjoni hija bla tħlas.

### **2.2. Fejn nissottometti l-applikazzjoni?**

Il-punt tat-tluq biex tapplika għal wieħed mill-premjijiet sejkun dan is-sit web:

[https://agriculture.ec.europa.eu/farming/organic-farming/organic-action-plan/eu-organic-awards\\_en](https://agriculture.ec.europa.eu/farming/organic-farming/organic-action-plan/eu-organic-awards_en)

Is-sit web se jillinkja mal-formoli ta' applikazzjoni online għal kull wieħed mill-premjijiet. Se jitqesu biss l-applikazzjonijiet kompluti (it-taqsimiet kollha mimlija) sottomessi permezz tal-pjattaforma online sad-data tal-iskadenza.

### **2.3. Meta hija d-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni?**

12 ta' Mejju 2024, 23:59:59 CEST

### **2.4. X'inhi l-iskeda taż-żmien tal-proċess tal-għoti tal-premjijiet?**

Tnedija tal-perjodu ta' applikazzjoni għall-premjijiet: 4 ta' Marzu 2024

Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet: 12 ta' Mejju 2024 23:59:59 CEST.

Evalwazzjoni tal-premjijiet: Ġunju-Lulju 2024

Ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet: 23 ta' Settembru 2024

### **2.5. Min għandu jissottometti l-applikazzjoni?**

L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi mill-promotur tal-proġett/tan-negożju (= organizzazzjoni/persuna bbażata fl-UE li hi/kienet responsabbi għall-implementazzjoni tal-proġett/tan-negożju bbażat fl-UE). Il-kriterji ta' eliggibbità għal kull premju huma ddettaljati f'taqSIMA ddedikata f'dan is-sit web.

### **2.6. B'liema lingwa nista' nissottometti l-applikazzjoni?**

Il-formola tal-applikazzjoni hija disponibbli bil-lingwi uffiċċiali kollha tal-UE. L-applikazzjoni tiegħek tista' tkun bi kwalunkwe lingwa tal-UE. Inħeġġuk tissottometti l-formola tal-applikazzjoni bl-Ingliż biex il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tkun bla xkiel u f'waqtha. Kun af li f'każ li l-applikant ma jipprovdix traduzzjoni mil-lingwa oriġinali għall-Ingliż, il-ġurija se taħdem abbażi ta' traduzzjoni awtomatika sempliċi.

### **2.7. Nista' nibgħat l-applikazzjoni wkoll bl-email?**

Le. Jekk jogħġibok irreferi għall-mistoqsija “Fejn nissottometti l-applikazzjoni?”.

### **2.8. L-applikazzjoni trid tiġi sottomessa fi stadju wieħed?**

Le. L-ewwel tista' tipprepara abbozz ta' sottomissjoni u tissevjah u mbagħad tiffinalizza u tibgħat l-applikazzjoni fi stadju aktar tard. L-applikazzjoni hija finalizzata ladarba tikklikkja “issottometti”.

### **2.9. Għaliex għandek bżonn tiprovvdi l-isem tal-media soċjali tiegħek?**

<sup>4</sup> F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848

Jekk il-proġett/in-negożju tiegħek jinsab fuq il-media soċjali (Facebook u/jew LinkedIn), jekk jogħġgbok indika l-ismijiet u/jew il-hashtags tal-media soċjali tiegħek. Jekk tintgħażel, dawn se jintużaw għall-komunikazzjoni fuq il-media soċjali mill-organizzaturi.

#### **2.10. X'jiġi ladarba l-applikazzjoni tiegħi tkun ġiet sottomessa?**

Wara l-laqqha u d-deċiżjoni tal-ġurija, nikkuntattjaw lill-finalisti u r-rebbieħha kollha. Jekk ma tismax mingħandna sal-bidu ta' Settembru 2024, ikun ifisser li l-proġett tiegħek ma ntgħażilx għall-finali.

#### **2.11. Lil min nista' nikkuntattja jekk ikolli mistoqsijiet?**

Jekk jogħġibok ibgħat il-mistoqsijiet tiegħek dwar il-proċess tal-applikazzjoni permezz ta' email lil:

- Kategorija 1 - L-aqwa bidwija organika [EUorganicawards@organicseurope.bio](mailto:EUorganicawards@organicseurope.bio) u L-aqwa bidwi organiku [EUorganicawards@copa-cogeca.eu](mailto:EUorganicawards@copa-cogeca.eu)
- Kategorija 2 - L-aqwa reġjun organiku, Kategorija 3 - L-aqwa belt organika u Kategorija 4 - L-aqwa "Bijodistrett" organiku: [EUorganicawards@cor.europa.eu](mailto:EUorganicawards@cor.europa.eu)
- Kategorija 5 - L-aqwa SME li tipproċċesa ikel organiku, Kategorija 6 - L-aqwa bejjiegħ bl-imnūt tal-ikel organiku u Kategorija 7 - L-aqwa ristorant/servizz tal-ikel organiku: [EUorganicawardsEESC@eesc.europa.eu](mailto:EUorganicawardsEESC@eesc.europa.eu)

### **3. Kif jiġi vvalutat il-proġett/in-negożju tiegħi u x'jiġi wara?**

#### **3.1. Kif taħdem il-preselezzjoni tal-24 finalist?**

Kull organizzazzjoni sieħba se teżamina l-applikazzjonijiet filwaqt li tqis il-kriterji tal-eligaġġbiltà u tal-ġhoti u tagħmel preselezzjoni ta' 24 finalist.

#### **3.2. Kif jaħdem il-proċess ta' evalwazzjoni tal-ġurija?**

L-applikazzjonijiet se jiġu eżaminati minn ġurija fid-dawl tal-kriterji tal-ġhoti. L-applikazzjonijiet li jissodisfaw l-ewwel fażi tal-evalwazzjoni (eligaġġbiltà) biss se jiġu ammessi għat-tieni fażi (ġhoti tal-premju mill-ġurija) u jiġu evalwati mill-ġurija.

#### **3.3. Minn min hi magħmula l-ġurija?**

Il-ġurija hi magħmula minn 7 membri nominati mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, mill-Kumitat tar-Reġjuni, mill-IFOAM Organics Europe u mill-COPA-COGECA rispettivament. Il-membri jaħdmu f'timijiet (abbażi tal-ġħarfien espert tagħhom f'kategorija partikolari tal-premijiet) iżda jieħdu d-deċiżjoni finali dwar il-finalisti u r-rebbieħha flimkien bħala grupp.

#### **3.4. Kif inhi protetta d-data personali tiegħi?**

Id-data personali tiegħek tiġi pproċessata skont l-informazzjoni ddedikata mtella' fis-siti web tal-Kummissjoni u tas-sħab relatati mal-premijiet.

#### **4. Jekk nintgħażel (finalist), x'se jkun imiss?**

Għandek tkun taf li f'każ li l-applikazzjoni tiegħek tintgħażel fost il-finalisti, l-organizzaturi tal-premju jippjanaw li jagħmlu pubbliċità dwar il-proġett/in-negożju tiegħek u se jkunu jeħtieġ xi materjal (stampi, siti web, ismijiet li tuża fil-media soċjali eċċi) biex jaġħmlu dan.

##### **4.1. Liema rekwiżiti tekniċi għandhom jissodisfaw l-immaġnijiet?**

Se tintalab tissottommetti stampi b'rīżoluzzjoni għolja li se jintużaw fuq diversi mezzi ta' komunikazzjoni, pereżempju f'materjali stampati, online u għal wirja, kemm matul kif ukoll wara l-kompetizzjoni nnifisha. Idealment l-istampi għandu jkollhom rīżoluzzjoni ta' mhux inqas minn 300 dpi u d-dokumenti ma jkun ux ikbar minn 10 MB. Is-sħab se jikkuntattjawk f'dak ir-rigward.

##### **4.2. X'jiġi jekk inkun finalist iżda mhux rebbieħ?**

Il-finalisti se jiġu kkuntattjati sa mhux aktar tard mill-10 ta' Settembru 2024. Il-materjal ta' komunikazzjoni sottomess mal-applikazzjoni tal-finalisti jista' jintużza mill-Kummissjoni għal skopijiet ta' komunikazzjoni. Il-finalisti se jkunu mistiedna jattendu ċ-ċeremonja tal-għoti tal-premijiet. Madankollu, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ispejjeż relatati tagħhom ma jiġux rimborżati.

##### **4.3. X'jiġi jekk il-proġett/in-negożju tiegħi jirbaħ?**

Ir-rebbieħha kollha se jiġu kkuntattjati mhux iktar tard mill-bidu ta' Awwissu 2024. Il-Kummissjoni Ewropea se tistieden<sup>5</sup> lir-rebbieħha għal ċeremonja ta' premjazzjoni ddedikata fi Brussell fit-23 ta' Settembru 2024, meta jiġi ċċelebrat ukoll il-Jum Organiku tal-UE (fit-23 ta' Settembru ta' kull sena). L-ispejjeż għall-partċipazzjoni f'dan l-avveniment se jitħallsu mill-Kummissjoni. Mhu previst ebda premju ta' flus.

##### **4.4. X'inhu previst f'termini ta' komunikazzjoni rigward il-proġett/in-negożju rebbieħ tiegħi?**

Jekk disponibbli, ir-rebbieħha għandhom jipprovdu lill-organizzaturi tal-premijiet b'materjal awdjobiżiv.

Se jsir film qasir dwar il-proġett/in-negożju rebbieħ tiegħek. Għalhekk, ir-rebbieħha u l-proġetti/in-negożju tagħħom se jiġu rrekordjati fuq video matul Lulju u Awwissu 2024. Ir-rebbieħha għandhom jipprevedu xi żmien għall-intervisti. Ir-rebbieħha se jkollhom l-opportunità jippreżentaw il-proġett/in-negożju rebbieħ tagħħom waqt avveniment għall-istampa. Ikklikkja [hawnhekk](#) biex tara l-videos tar-rebbieħha tal-2023.

Il-materjali sottomessi bħala parti mill-applikazzjoni, l-intervisti bil-video, u kwalunkwe materjal ta' komunikazzjoni prodott b'rabit u-avveniment jistgħu jintużaw mill-Kummissjoni u s-sħab kollha tal-premijiet għal finijiet ta' komunikazzjoni.

<sup>5</sup> Jekk is-sitwazzjoni (sanitarja jew oħra) tippermetti